MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2004

Numru 293/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvette Farrugia)**

**vs**

**ANTHONY ELLUL**

**Illum 23 ta' Marzu, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permess taghha Anthony Ellul ta' 42 sena iben Alfred u Sarah mitwielda Stephen, mwieled Pieta` fil-18.05.1960 u joqghod Orange Lake, Triq is-Sur, Fgura detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 372060(M) gie akkuzat:

Talli fl-24 ta’ Mejju 2002 ghall-habta ta’ l-ghaxra ta’ filghodu, gewwa l-ufficcju tal-kumpanija CTB Ltd. li tinsab gewwa Valletta Road Luqa, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` a detriment ta’ Christopher Bonello, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. YF1 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Anthony Ellul, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Anthony Ellul l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------